# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija

# BURMARRAD



**Tel: 21573045/ Fax:21578118**
www. parroccaburmarrad.com
email:parbur@waldonet.net.mt



## *LEĦEN IL-PARROĊĊA - Novembru 09 - NRU. 327*


Jien u l-Parroċċa - Pietru qal "*Kemm hu sewwa li aħna hawn, ħa nagħmlu tliet tined*." Għeżież, aħna mhux tined għandna imma Parroċċa, u tajjeb li nħossuna parti minnha. Jekk għadna mhux qed inħossuna parti minn din il-familja rridu nistaqsu għaliex waqt li niċċaqalqu u nagħmlu xi ħaġa, għaliex min-naħa tagħna qed isir ħafna. Jekk għadek mhux tħossok milqugħ jew milqugħa ejja u kellimna ħalli naraw x'nistgħu nagħmlu biex ngħinuk tħossok parti minn din il-familja.

Issa bdejna nwaqqfu l-kummissjonijiet ħalli b'hekk inkunu nistgħu naħdmu aħjar u nilħqu individwi b'realtajiet differenti. Il-kummisjonijiet mhux qegħdin jitwaqqfu biex inkunu bħal parroċċi oħra imma qegħdin hemm sabiex inkunu nistgħu nippjanaw aħjar waqt li nieħdu azzjonijiet favur inklużjoni akbar tal-parruċċani kollha tagħna.F'kull kummissjoni hemm ħames membri mill-parroċċa u s-sabiħ tagħhom huwa li għall-ġrazzja ta' Alla dawn il-membri huma lesti li jaħdmu għall-gid tal-parroċċa u tal-parruċċani. Kull kummissjoni ser taħdem fuq linji gwida mħejjija mis-Sinodu Djoċesan biex hekk kull kummissjoni taħdem f'parametri ċari biex hekk jiġi evitat duplikazzjoni jew repetizzjoni ta' xogħol u ħela ta' riżorsi umani. Ħafna drabi tisma' u tħoss min jiddubita x'riżultat jista' jkollu dan it-tibdil. Oħrajn jirraġunaw li kif aħna sewwa ninsabu u għalhekk ma jaraw ebda ħtieġa li niġġeddu. Tajjeb li nitkellmu u nikkritikaw meta nħossu li l-affarijiet mhux sejrin tajjeb jew li jistgħu jsiru aħjar. Tajjeb ukoll li nfaħħru l-isforzi ta' dawk involuti. Kritika ta' natura kostruttiva bħal din tgħinna nħossu l-polz tal-parruċċani biex hekk inkunu nistgħu ntejbu l-ħidma tagħna. Tajjeb iżda illi nżommu f'moħħna li meta wieħed jintilef fit-tgergir ma jkun qed jagħmel ġid lil ħadd: la lilu nnifsu, la lil dawk ta' madwaru u l-anqas lill-parroċċa tagħna. Tajjeb għalhekk li meta nħossu li nistgħu nagħtu kontribut nagħtu pass 'il quddiem u navviċinaw lil dawk involuti. L-attivitajjiet organizzati minn dawn il-kummissjonijiet u mill-gruppi l-oħra tal-parroċċa huma maħsuba għall-parruċċani l-oħra u mhux biex jitgawdew jew jipparteċipaw fihom biss il-membri tal-kummissjonijiet jew il-mexxejja tal-gruppi. Għalhekk meta ngħinu u nieħdu sehem inkunu qed nilħqu l-għan prinċipali li għalih jitwaqqfu dawn il-gruppi jiġifieri dak li jkabbru fina l-fidi f'Alla u l-imħabba lejn l-oħrajn. Il-parroċċa tagħna nistgħu nqabbluha ma' karozza. Il-magna hija dik li tippompja l-enerġija lill-kumplament tal-sistemi l-oħra. Jekk il-magna ma tkunx indokrata u sostnuta s-sistemi kollha jieqfu jaħdmu. Il-kappillan huwa dak li jidderieġi u li jaħdem biex il-magna tkompli taħdem. Iżda l-kappillan waħdu ma jagħmilx parroċċa u għalhekk jgħinuh hemm diversi għaqdiet, muvumenti u kummissjonijiet li id f'id mal-kappillan jaħdmu biex iwasslu l-messaġġ ta' Kristu lill-oħrajn permezz tal-attivitajiet li jorganizzaw. Jiena bħala l-kappillan ta' Burmarrad bl-għajnuna t'Alla qed nipprova nagħmel dak kollu possibbli ħalli l-karozza taħdem sewwa waqt li nħeġġeġ, nagħmel kuraġġ u nagħti sostenn biex kollox jimxi sewwa. Sa kemm il-Mulej jagħtini l-qawwa jiena sejjer nibqa' nagħmel dan, imma tajjeb li nżommu f'moħħna li dan l-isforz irid isir ukoll min-naħa tagħkom ukoll, biex hekk flimkien inħaddmu din il-karozza ħalli tqarribna aktar lejn il-Missier Etern. Tkunu imberkien

P. Donald M. Bellizzi Ofm. Conv - Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## TURISTA

**(siltiet mill-ktieb *l-Istejjer tal-Patri* ta' Patri Piju Sammut)**

Student darba kien qed jitkellem ma' San Filippu Neri.

"X'qed tistudja?", staqsieh il-qaddis.

"Qed nistudja l-liġi biex insir avukat."

"U mbagħad?".

"Imbagħad nibni karriera, nagħmel il-flus, niżżewweġ, ikolli t-tfal…"

"U mbagħad?".

"Imbagħad ikolli moħħi mistrieħ għal meta nixjieh."

"U mbagħad?".

"Kif imbagħad? Jien naf?! Immut."

"U mbagħad?".

Il-ġuvni baqa' sieket iħares lejh.

"Ma tistax tibni ħajtek għal hawnhekk biss, temm igħidlu l-qaddis . Hemm eternita' li trid tagħti kas. Hemm Alla li trid taqdi. Hemm ruħ li trid issalva."

*******************************************************************************

Wieħed turist mar sab lir-Rabbi Kaim. Meta daħal għandu, skanta li kull ma kellu d-dar dan ir-Rabbin kienu mejda, siggu u t-Torah.

"Rabbin, fejn hi l-għamara tiegħek?" staqsa t-turist.

"Tiegħi? Fejn hi l-għamara tiegħek?" wieġbu r-Rabbin.

"Tiegħi? Jien turista hawnhekk. Jiena għaddej minn hawnhekk."

"Anki jiena.." temm igħid ir-Rabbin.



***Min jagħraf dan, jibda jgħix.***

# MHUX OVVJA!!!!

Kemm il- darba smajna din il- kelma! Donnu qiegħda fuq il-ponta ta' Isiena! Kollox sar ovvju jew kollox jidher f'għajnejna li hu ovvju! Huwa ovvju li raġel jagħtini l-paga, biex jien nixtri u nħallas il- bżonnijiet tal-familja . Huwa ovvju li x'ħin nasal id-dar insib dar nadifa, ħwejġi nodfa u l-ikel fuq il-mejda! Huwa ovvju li noħroġ is- Sibt u ndum barra sa ma jisbaħ. Huwa ovvju ukoll li nippretendi li uliedi jbaxxu rashom għal kull ma ngħid jien, mingħajr biss ma nagħtihom ċans jesprimu ruħhom. Huwa ovvju li naħdem minn fil-għodu sa fl-għaxija, mingħajr ma jkolli ċans nara jew nisma lill-uliedi .....u nistgħu nagħmlu litanija sħiħa insemmu l-affarijiet li fid-dinja moderna tal-llum saru ovvji ! Forsi tant f'ħajjitna għamilna jew bnejna rutina kontinwa li l- affarijiet li jiġru madwarna u għalina kollox naturali jew aħjar ovvju, bla ma lanqas nindunaw, jew ngħidu - Grazzi lil xulxin ..........

- **LE** mhux ovvja li raġel seta' jagħtini l-paga, seta ġara xi ħaġa u l-paga din il-ġimgħa ma ħarġitx!
- **LE** mhux ovvja li sibt l-platt sħun, seta' ġara xi ħaġa illum u ma sibtx l-ikel bħas-soltu!
- **LE** mhux ovvja li ħriġt barra u dħalt lura, seta' ġrali xi ħaġa u ma dħaltx lura dar!
- **LE** mhux ovvja li uliedi iridu jbaxxu rashom għal kull ma ngħid jien, irid nieqaf u nismagħhom!
- **LE** mhux ovvja li naħdem bla waqfien, mingħajr ċans li naqsam ftit mill-ħin tiegħi ma uliedi jew ma marti!

**Ieqaf u Ahseb**



Dak li f'għajnejk illum jidher ovvju jista' jiġri xi ħa ġa fil-ħajja tiegħek u ma jibqax ovvju! Ma tistax twaqqaf dan iżda tibkix jew jiddispjaċik li meta stajt tgawdi lil-familja tiegħek bil-ħajja mgħaġġla tiegħek u b'rutina żbaljata dan ma għamiltux! Iż-żmien itir u jaħrab mingħajr biss ma nindunaw! Jekk għadu mhux tard ibda minn issa tgħallem apprezza dak li għandek fil-ħajja tiegħ ek ŻEWĠEK, MARTEK , ULIEDEK ...u dak kollu li fil-ħajja tiegħek huwa sabiħ.Tgħallem apprezzhom b'sempliċiment - Grazzi. Żgur imma li l-ewwel - Grazzi tiegħek għanda tkun lejn ALLA li żejjnek b'dak kollu li hu sabiħ.

**GRAZZI MULEJ TA' KULL MA TAJTNA U AĦFRILNA LI ANKE LILEK U DAK KOLLU LI TAJTNA NIEĦDUH DAQSHEKK OVVJU!**

Angel Decelis

# DJARJU NOVEMBRU

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 1:** | Festa tal-Qaddisin kollha |
| **It-Tnejn 2:** | Tifkira tal-Mejtin kollha – Quddiesa: 5.30am – 6.00am – 6.30am – 8.30am – 6.15pm li tkun konċelebrazjoni mil-komunita' tal-patrijiet animata mill-Kor tal-Paroċċa Ħlewwa ta' Marija. |
| **Il-Ħamis 5:** | Adorazzjoni Qdusija tal-Kleru, fis-Seminarju tal-Virtu Rabat. Tluq min fejn il-Knisja fit-3.00pm. |
| **Il-Ħadd 8:** | Laqgħa Grupp Familji Insara: 10.30am fis-sala tal- kunvent. Tberik Ċimiterju: Quddiesa konċelebrata mill-kumunitajiet ta' Burmarrad, San Pawl il-Baħar u Qawra. Ħin 4.00pm, dak inhar ma ikunx hemm filgħodu. |
| **It-Tnejn 9:** | Laqgħa kummisjoni Kateketika fil-5.15pm fiċ-ċentru tad- dutrina bniet. |
| **L-Erbgħa 11:** | **Lectio Divina:** 6.45pm sa 7.15pm. Din hija preparazjoni tal-Kelma ta' Alla, talb u riflessjoni. |
| **It-Tlieta 17:** | Laqgħa għall-Letturi wara Quddiesa ta' filgħaxija. |
| **L-Erbgħa 18:** | Laqgħa fil-Muzew tal-bniet għal ġenituri tat-tfal li jattendu d-duttrina kif ukoll miftuħa għal kulħadd. Ħin 4.30pm. |
| **It-Tlieta 24:** | Laqgħa Kummisjoni Familja: 7.00pm fis-sala tal-kunvent. |
| **L-Erbgħa 25:** | **Assemblea Parrokjali:** Inħeġġeġ lill-parruċċjani kollha biex jattendu, speċjalment il-membri ta' l-għaqdiet, kunsill parrokjali u kummisjonijiet. Ikun hawn preżenti id-delegat tal-Isqof Rev. Fr Charles Cordina. Tibda fis-7.00pm. |
| **Il-Ħadd 22:** | **Solennita' ta' Kristu Re -** Inħeġġin li ningħaqdu ma' Mons Arċisqof għaċ-ċelebrazzjoni ta' Kristu Re |
| **Il-Ħadd 29:** | **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent** |

# Rokna għat-Tfal–Novembru

Hello tfal? Nispera li tinsabu tajbin u b'saħħitkom. Naf li bħalissa hawn xi tfal li ma jifilħux u allura lil dawn nawguralkom fejqan malajr. Wasal ix-xahar ta' Novembru. Kif qed igerbeb iż-żmien hux? Huwa żmien li fih insibu l-ġewż, il-lewż, il-qastan u t-tin. U propju dan ix-xahar lili jfakkarni fil-qaddis San Martin. Taqbila ħelwa hi din: *Ġewż, lewż, qastan, tin , Kemm inħobbu lil San Martin!*

Tfal, f'Malta hija d-drawwa li fil-festa ta' San Martin tingħata borża lit-tfal mimlija bil-ġewż, lewż, qastan, tin, b'xi frott u ma jonqosx ukoll xi ftit ħelu u panina ta' San Martin. Din tinħema apposta f'din il-festa biss. Minn jaf kemm ser tifirħu kif tirċievu waħda minn dawn il-boroż. Ħaġa sabiħa li waqt li toqogħ du tieklu l-ikel li jkun fiha din il-borża, tkantaw dik it-taqbila li għedtilkom ftit qabel. Tfal, il-Knisja tiċċelebra l-festa ta' dan il-qaddis fil-11 ta' Novembru. F'Malta, il-**Parroċċa tal-Baħrija** hija ddedikata lil **San Martin**.

**Min kien San Martin?**

Tfal, hemm leġġenda li tgħid li lejla waħda kienet ħafna kesħa u maltemp. San Martin kien riekeb iż-żiemel tiegħu mgeżwer sew b'mantell aħmar madwaru. Dan kien qed isaħħnu sew. Waqt li kien dieħel fil-belt, ra raġel mitluq fl-art. Kien ħafna fqir u kważi bla ħwejjeġ. Ir-raġel beda jitlob għall-għ ajnuna pero' tant kienet kesħa li bil-kemm seta' jċaqlaq xufftejħ. Ħafna nies għaddew minn ħdejh pero' ħadd m' għenu. Anzi, kien hemm min beda jidħak bih. Hekk kif lemħu San Martin, mill-ewwel niżel minn fuq iż-żiemel tiegħu. Qabad ix-xabla u qasam il-mantell tiegħu minn nofs. B'hekk għatta lil dan ir-ra ġel fqir. Dan ir-raġel fqajjar beda jisħon u meta beda jiġi f'tiegħu ried jirringrazzja lil San Martin. Iżda' San Martin laħaq telaq għax kien jistħi. Pero' f'dan ir-rakkont, tfal, naraw kemm San Martin kellu qalbu tajba.

Hawn min jgħid li l-għada San Martin kellu ħolma. Ħolom li reġa ltaqa' ma' dak ir-raġel fqir iżda din id-darba dan ir-raġel sar Ġesu'. Jgħidu li Ġesu' kellmu u qallu, "Li għamilt ma' dan ir-raġel fqir, agħmiltu miegħi!". Tfal, ejjew inkunu bħal San Martin u nkunu aħna minn ta' l-ewwel li ngħinu lil kull min hu fil-bżonn !



Agħti l-kulur u kanta din it-taqbila

Ma', jekk jogħbok
ħitli borża
Sa ma jasal San Martin, biex
in-nanna timlihieli
bil-ġellewż, qastan u tin.
F'martell naqbad b'idi waħ

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

FORMAZZJONI TAGHNA U TA' ULIEDNA

## *Komunikazzjoni Assertiva*



Kif għidna ix-xahar l-ieħor ser nagħtu ftit eżempji prattiċi ta' komunikazzjoni assertiva.
Per eżempju nieħdu sitwazzjoni fejn il-ħabiba tiegħek tasal siegħa tard għall-appuntament li kellkom flimkien. Kien importanti li tiltaqgħu fil-ħin għax kellkom xi affarijiet pjanati u għalhekk inti tiddejjaq li din tasal tard.

| |
|---|
| Tista' trażżan lilek innifsek u tgħidilha:<br>a. "issa tlaqna – ma naħlux ħin" |
| Tista' tiddeċiedi li tiżvoga r-rabja li tkun ilek tiġma' u tgħidilha:<br>b. "Fejn il-marelli kont u min taħseb li int? Taf li ili siegħa nistenniek? Issa ma mmorru mkien – sar wisq ħin u miegħek ma niftiehemx aktar!" |
| Jew tista' tkun assertiva u tgħidilha xi ħaġa hekk:<br>c. "Ili nistenna siegħa- kont napprezza kieku għidtli li kont se tittardja. Qed inħossni ftit anzjuża wara dal-ħin kollu nistenna". |

Eżempju ieħor jista' jkun fejn il-ġar tiegħek jistaqsik biex jissellef il-karozza tiegħek, u int ma tħossokx komdu ssellef il-karozza tiegħek lil nies oħra.

| |
|---|
| Tista': a. tgħidlu "iva" u toqgħod tgerger kontrieh minn warajh. |
| Tista' tgħidlu xi ħaġa bħal: b. "Int kemm int wiċċek tost! Daż-żgur li ma tistax tissellef il-karozza tiegħi! Jien qatt tlabtek xi ħaġa lilek?" |
| Jew tista' tkun assertiv u twieġeb: c. "Ma tantx nieħu gost insellef il-karozza tiegħi lil ħaddieħor. Jista' jkun li tidher naqra bla sens din, għax m'għandix xi mercedes, imma xorta ma nħossnix komdu nsellef l-affarijiet tiegħi".

Huwa mportanti wkoll li nkunu assertivi mat-tfal tagħna:
Jekk nieħdu sitwazzjoni fejn tifel ta' 10 snin wara l-iskola qed jeqred biex ommu tagħmillu hamburgers u chips minflok it-tiġieġ li tkun illestiet:

| |
|---|
| a. L-omm tista' taqbad u tibda taqli l-hamburgers u c-chips għax tirraġuna li m'għandhiex aptit targumenta. |
| b. Tista' taqbad tgħajjat u twerżaq u timpika mat-tifel iżda fl-aħħar xorta tagħtih li jrid. |
| U c. Tista' tispjega lit-tifel li hi kienet illestiet l-ikel apposta biex meta jiġi mill-iskola jsib xi ħaġa li hi tajba għal saħħtu x'jiekol, u li hi ma kinetx ser tillesti xi ħaġa oħra għax kellha affarijiet oħra x'tagħmel. |

Barraminhekk nistgħu nimxu pass ieħor u ngħallmu lil uliedna kif huma wkoll ikunu assertivi. Bla dubju uliedna se jkunu persuni aktar sħaħ jekk huma jitgħallmu jikkomunikaw b'mod assertiv. Se jkunu wkoll persuni li kapaċi jaħsbu u ma jimxux mal-kurrent u jagħmlu dak li jgħidilhom ħaddieħor bla ma jifhmu għalfejn:
Għalhekk per eżempju tifla ta' 12 snin tgħid lil ommha li l-ħabiba tagħha talbitha l-homework biex tikkupjah,u hi tatulha, għax beżgħet li din it-tifla se xxerridha mal-klassi li hi fidila.

| |
|---|
| a. L-omm tista' tgħidilha li ghamlet sew – għenet lil min kien fil-bżonn. U li barraminhekk aħjar hekk milli joqogħdu jgħajjruha. |
| b. Tista' ċċempel 'l omm it-tifla l-oħra u tgħidilha twissi lil bintha u lil tagħha tħallieha kwieta. |
| Jew c. Tista' tħeġġeġ lit-tifla tagħha biex tkellem lit-tifla l-oħra, tispjegalha li hi ma ħaditx gost li selfitha l-homework biex tikkuppjah, u li tgħidilha li billi tikkopja mhijiex ser titgħallem. Tista' tħeġġiġha biex ma tħabbilx moħħha dwar x'jgħid ħaddieħor la hi ma qegħda tagħmel xejn ħażin. |

## *Konklużjoni*

Bħala konklużjoni għal dan is-suġġett nistgħu ngħidu li mhux dejjem huwa faċli li nkunu assertivi u lanqas ma huwa faċli li lil uliedna nħarġuhom f'din l-abilta', iżda żgur li jekk jirnexxielna nagħmlu dan inkunu qed intellgħu tfal u żgħażagħ illi jirrispettaw lilhom infushom u lill-oħrajn.

Daniella Zerafa

# TAJJEB TKUN TAF

- Il-Quddiesa tas-6.15pm ta' kull nhar ta' Gimgħa tax-xahar ta' Novembru huwa għal intenzjonijiet tal-fuljetti migbura fil-knisja.

- Ikun hemm quddiesa kuljum fiċ-ċimiterju ta' Burmarrad fil-11.30am. Il-parroċċa tagħna imissa tqaddes dejjem f'dan ix-xahar is-sibtijiet u ħdud.

- Il-Kummisjoni kateketika ħa tibda torganizza laqgħat ta' Lecio Divina, l-ewwel laqgħa ħa tkun fil-11 ta' Novembru mis-6.45 sas 7.15pm. Tajjeb li nattendu ħalli inkunu preparati għal kelma ta' Alla.

- Tajjeb tkunu tafu li fuljett tal-parroċċa u l-avvizi u dettalji oħra qegħdin ikunu fuq il-Website tal Parroċċa. tajjeb li inzuru Website għal kull informazzjoni.

- Nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali ta' S. Pawl il-Baħar tal-pjanti li tpoġġew fuq il-bankina quddiem il-kunvent

**Assemblea Parrokkjali**
**Data:25 ta' Novembru**
**Ħin: Fis-7.00pm**
**Post: Fil-Knisja**



***Bdew il-Ħajja Nisranija:***

Martha Pisani - 3 ta' Ottubru 2009
Tilly Stevans - 23 ta' Ottubru 2009



***Ingħaqdu mal-Mulej fil-Ħajja ta' dejjem***

Micheal Anthony Western - 2 - 9 - 2009